# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Frar, 2000**

Avviz Numru 3/99G2(MM)

Carmelo Gauci

-vs-

George Gatt

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat illi previa d-dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut qieghed jokkupa porzjon art maghruf bhala Ta' Xaman fil-limiti tas-Sannat, Ghawdex ta' cirka elf tmien mija u sebghin metru kwadru (1870mk) konfinanti min-nofsinhar ma' beni tal-familja Sciberras, mit-tramuntana ma' passagg u mil-Lvant ma' beni tal-familja Buttigieg, liema art hija proprjeta' ta' l-attur, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, jigi kkundannat minn din l-istess Onorabbli Qorti li jizgombra minn din l-art immedjatament.

Fil-fatt il-konvenut ma ghandu u qatt ma kellu l-ebda titolu fuq l-art imsemmija u qed jipprova jakkwista dan b'dokumenti foloz, u b'raggieri ohra fiergha.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Gunju 1997. Minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' l-art ma jaccedix il-mitt lira Maltin (Lm100).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:

1. Illi preliminarjament jehtieg illi l-attur ihallas l-ispejjez tar-rikors numru 3/97 fl-ismijiet "Gauci Karmenu vs Gatt George" liema rikors gie intavolat quddiem il-Bord ghall-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' (Ghawdex) u liema rikors jirrigwarda l-istess mertu u gie cedut jew ser jigi cedut mill-attur;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi din il-kwestjoni si tratta minn raba mqabbla lill-konvenut mill-attur u dan kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-avviz.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ta' l-attur ghall-izgumbrament mir-raba de quo hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi din ir-raba hija okkupata mill-konvenut b'titolu ta' qbiela u ma jezistux l-elementi li jiggustifikaw l-izgumbrament tal-konvenut mill-art indikata.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kapitoli ghas-subizzjoni pprezentati fil-konfront ta' l-attur fl-udjenza tas-17 ta' Gunju

1999, liema kapitoli gew approvati fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2000.

L-istess konvenut naqas li jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza differita ghal-lum ghas-subizzjoni tieghu.

Il-Qorti ghalhekk tqis il-kapitoli ammessi u tiddiciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tordna lill-konvenut jizgombra fi zmien tliet (3) xhur mill-porzjon art maghruf bhala Ta' Xaman fil-limiti tas-Sannat, Ghawdex ta' cirka elf tmien mija u sebghin metru kwadru (1870mk) konfinanti min-nofsinhar ma' beni tal-familja Sciberras, mit-tramuntana ma' passagg u mil-Lvant ma' beni tal-familja Buttigieg, liema art hija proprjeta' ta' l-attur u li l-istess konvenut qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenut.